**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

21 ta' Jannar 2026

Lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati
u l-President tal-Kumitat Permanenti
dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Bl-email permezz tal-Iskrivan tal-Kamra

Mr Speaker,

**Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li ilmenti m'għandhomx jiġu investigati**

Fid-19 ta' Diċembru 2025, jiena ddeċidejt li m'għandix investiga allegazzjoni li l-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Alex Borg, għamel dikjarazzjoni falza dwar mediċini ġeneriċi.

Deherli li ma stajtx ninvestiga din l-allegazzjoni għaliex il-Kodiċi ta' Etika għall-Membri tal-Kamra tad-Deputati ma jinkludix l-obbligu tal-onestà, u għalhekk l-allegat aġir ma kienx jammonta għall-ksur tal-istess kodiċi. F'dan il-każ l-aġir ma kienx jilħaq it-tragward tal-artikolu 1 tal-Kodiċi, li jitkellem dwar aġir li jixħed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.

Il-kmamar tal-aħbarijiet taż-żewġ partiti l-kbar irrapportaw din id-deċiżjoni b'mod radikalment differenti minn xulxin. One News qal li *"il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika sab li minkejja l-informazzjoni falza li ta Alex Borg, ma setax jinvestiga b'mod ulterjuri lill-istess Kap tal-Oppożizzjoni fuq ksur ta' kodiċi ta' etika."*[1] Mill-banda l-oħra, Net News qal li *"l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika tant ma sab xejn li ddeċieda li lanqas biss hemm bażi biex l-ilment li tressaq jiġi investigat."*[2]

Il-punt ta' din l-ittra mhux dwar liema kamra tal-aħbarijiet qalet il-verità. Il-punt hu li setgħu jingħataw verżjonijiet daqshekk differenti tad-deċiżjoni tiegħi għaliex skont il-prattika stabbilita mill-Kumitat dwar l-Istandards, jiena ma stajtx nippubblika d-deċiżjoni. Qassamtha biss lill-ilmentatur (li kien l-Onor. Dr Jo Etienne Abela, Ministru għas-Saħħa) u lill-Kap tal-Oppożizzjoni.

---

[1] Ara https://one.com.mt/borg-binformazzjoni-falza-fuq-il-medicini-generici-izda-mhux-marbut-jghid-il-verita/.

[2] Ara https://netnews.com.mt/2025/12/20/fake-news-ohra-mil-labour-li-jipprova-jqarraq-fuq-rapport-tal-kummissarju-ghall-istandards-pn/.

Kif taf, filwaqt li **rapport dwar investigazzjoni** normalment jiġi ppubblikat, **deċiżjoni li lment m'għandux jiġi investigat** ma tiġix ippubblikata. Din il-prattika ġiet stabbilita mill-Kumitat f'Marzu tal-2019, kważi seba' snin ilu. Il-ħsieb kien biex ma jixxandrux allegazzjonijiet jekk ma jkunux se jiġu investigati, u b'hekk l-individwi li jissemmew fl-allegazzjonijiet ma jsofrux danni bla bżonn.

Biss, ħafna drabi dan l-argument ma japplikax għaliex l-allegazzjonijiet ikunu diġà ġew imxandra u l-pubbliku jkun jaf li l-uffiċċju tiegħi intalab jinvestiga persuna partikolari, kif proprju ġara f'dan il-każ.[3] F'każijiet bħal dan, il-fatt li jiena ma nistax nippubblika d-deċiżjoni tiegħi ifisser biss li min irid jagħti stampa falza tad-deċiżjoni jista' jagħmel dan bil-faċilità kollha. Mhux l-ewwel darba li ġara dan.

Fil-fehma tiegħi, wasal iż-żmien biex il-proċeduri stabbiliti mill-Kumitat jiġu riveduti fid-dawl tal-esperjenza. Fejn dan l-Uffiċċju jiddeċiedi li m'għandux jinvestiga lment, għandu jkollu s-setgħa li jippubblika d-deċiżjoni tiegħu jekk jidhirlu li dan ikun ġustifikat fiċ-ċirkostanzi – b'mod partikolari jekk id-deċiżjoni tittratta dwar allegazzjoni li diġà tkun fid-dominju pubbliku.

Din l-ittra ssegwi ittri oħrajn datati 15 ta' Ġunju 2023, 5 ta' Diċembru 2023 u 19 ta' Settembru 2024 fejn jiena ressaqt l-istess proposta għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat. Għal darb'oħra nitlob li l-Kumitat jieħu deċiżjoni bikrija dwar din il-proposta fl-interess tat-trasparenza.

Għandi ninfurmak li biħsiebni nippubblika din l-ittra.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

[3] Il-fatt li s-sottoskritt intalab jinvestiga l-Kap tal-Oppożizzjoni ġie rapportat mill-midja. Ara https://www.maltatoday.com.mt/news/national/137394/health_minister_reports_alex_borg_to_standards_czar_over_misinformation_on_generic_medicines.